MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Numru. 658/2005

**Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Paul Spagnol**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Paul Spagnol ta’ 38 sena, iben Paul u Doris nee Bezzina, imwieled Pieta fit-28 ta’ Mejju, 1967 u residenti gewwa Flat 32, Block 8, Bieb D, Triq il-Ballut, San Gwann u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 224267M (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-27 ta’ Mejju 2005, ghal habta ta’ 19:00 hrs, gewwa Triq ix-Xatt, Gzira, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-karozza ta’ Anthony

Cremona, liema hsara hija ta’ aktar minn LM 50 (hamsin lira Maltin) ghad-dannu tal-istess Anthony Cremona u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta’ Adly Hurria ID 417274 u kkagunalha feriti ta’ natura hafifa skond ma icccertifika Dr A. Agius tac-Centru tas-Sahha, Gzira, u dan ai termini tal-Artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’hekk Paul Spagnol jitqies recidiv b’sentenzi datati 20/6/1985, 16/07/1985, 12/03/1987, 07/05/1990, 26/07/1990, 08/10/1990, 12/05/1992, 30/04/1993, 13/06/1993, 25/05/2000, 26/06/2001, 10/09/2001 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Appell, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ Settembru, 2005 (esebit *a folio* 25 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta’ Marzu, 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-10 ta’ Marzu, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv

li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-parti civili rrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli u li l-ammont ta’ hsara involut kien de minimis.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325, 221(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

Peress li t-tielet(3) akkuza ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-istess akkuza u konsegwentement tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------